MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Numru. 339/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Nezren Grixti**
**Spettur Pierre Grech**

**VS**

**Joseph Buttigieg, iben il-mejjet Paul u l-mejta Ruzaria nee’ Portelli, imwieled Qala Ghawdex nhar it-13 ta’ Frar, 1953, residenti fil-fond Pine Valley, Triq l-Imnarja, Nadur, detentur tal-karta tal-identita’ numru 14153G;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Joseph Buttigieg** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta’ Jannar, 2005, u matul dawn l-ahhar ghaxar xhur gewwa

Dahlet Qorrot, limiti tan-Nadur, u bnadi ohra f'Ghawdex, f'hinijiet differenti:

a. Ikkoltiva l-pjanta tal-cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(C) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nsabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu (folio 6).

Rat ukoll il-Kontro Ordni mahruga mill-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligiijet ta' Malta (folio 594), dan in segwitu li tigi rtirata l-Att tal-Akkuza.

Rat ukoll id-digiret taghha, issa wara eccezzjoni mressqa mid-Difiza, liema digriet kien in konnessjoni mal-fatt, u li fil-fatt din l-Istruttorja kellha tinbeda mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), u l-imputat jigi hekk gudikat.

Din il-Qorti kif preseduta, tat id-digriet taghha datat 6 ta' Gunju, 2012, u dan ai termini tal-Artikolu 372(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawn din il-Qorti ordnat il-kontinwazzjoni ta' dawn il-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-gurisdizzjoni taghha f'Malta.

Rat ghalhekk il-provi kollha prodotti u semghet it-trattazzjonijiet.

Il-fattispecie ta' din il-kawza hija li l-imputat, tista' tghid inqabad fil-pussess ta' haxix niexef tal-pjanta tal-cannabis, kif ukoll fil-pussess ta' pjanti tal-cannabis. Xehdu ghalhekk diversi pulizija nvoluti f'din il-qabda – PC 213 Nicolai Borg, PS 579 Antoine Micallef, PC 10 Trevor Cassar Mallia, WPC 119 Cynthia Camilleri, PS 536 Jason Caruana, PC 138 Joseph Portelli, u PC 1013 Raymond Debono.

Ghalhekk dawn xehdu dwar il-fatt illi kienu qeghdin jaghmlu sorveljanza fuq l-imputat. PC 213 Borg anke ha filmat ta' dak illi okkorra. Raw lill-imputat gej b'van ahmar EBA201. Rawh diehel go ghalqa b'borza f'idu li gabar minn gol-van – l-imsemmija vettura. Gie osservat illi fil-borza tal-plastic kellu fil-fatt xi haga.

Kif telaq minn fuq il-post, gie mwaqqaf mill-pulizija. Jghid PC 10 Trevor Cassar Mallia, illi meta gie nfurmat minn shabu li l-imputat kien tefa' xi kannestru fil-vettura, huwa flimkien ma' WPC 110, ippruvaw iwaqqfu lill-imputat b'dan il-van. Jghid PC 10 (dan kif ikkonfermat minn WPC 110), illi x'hin raw lill-imputat sejjer bil-vettura lejhom, hargu huma fin-nofs bil-karozza taghhom u ghajtu "Pulizija!" biex jieqaf. Dan - nonostante li PC 10 anke kellu jwaqqfu jew ipprova billi wera l-arma u anke spara warning shots, l-imputat dahhal ir-reverse u saq hekk gas down. Gie msakkar b'vetturi tal-pulizija. PC 10 xehed illi anke ta warning shots lejn it-tyre. Xehdu dwar it-tfittxija li saret fil-van tal-imputat, fih kien hemm kontenitur tal-plastic, deskritt bhala taz-zebbug, kulur maroon, mimlija b'dak illi gie deskritt 'qisu trab iswed", (folio 70) 'xi weraq suspettati cannabis.' (folio 75).

Indikalhom ukoll l-ghalqa fejn allegatament hu kien ikabbar il-haxixa. Hemm instab ukoll kontentitur simili iehor bl-istess kontenut.

Saret anke tfittxija fid-dar tal-imputat. Jghid PS 579 illi minn hemm, anzi minn bejn il-hajt u l-karozza tah borza tal-karti li kien fiha sustanza allegatament haxixa. PS 536 ukoll kien prezenti fil-garaxx.

Jghidu wkoll varji minn dawn il-pulizija, illi kien l-istess imputat illi minn jeddu wriehom fejn kien ikabbar fl-ghalqa l-haxixa, kif ukoll uriehom it-tieni container misjub (vide xhieda ta' PC 1013, PS 536, u WPC 119).

Anke dak iz-zmien, is-Supritendent Neil Harrison xehed dwar it-twaqqif tal-imputat u s-sussegwenti tfittxija li saret fuqu - kif gie lilu rapurtat mill-ufficjali tal-pulizija. Xehed illi l-istess Buttigieg kien offra li jindikalhom fejn kellu

kontenitur iehor f'ghalqa bhal dak illi kien gie misjub fil-van.

Indikalhom ukoll il-post fejn hu stess kien qallhom li kien ikabbar il-haxixa.

Minn naha tieghu, l-Ispettur Nezren Grixti xehed dwar l-istqarrija li hu ha lill-imputat, Dok CHS3 folio 10 et seq, konfermata din minn PC 599 Clive Mangion.

Fl-Inkjesta li saret gew appuntati diversi esperti, kif ukoll fil-kors ta' din l-Istruttorja.

Il-Perit Valerio Schembri ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok VS. Dan kien zamm acess fir-raba' fejn instabet id-droga fil-presenza anke tal-imputat. Skont kif irrizulta anke mix-xhieda ta' PC 213 Nikolai Borg, mismugh anke fl-access, giet redatta pjanta tas-siti fejn instabet id-droga in kwistjoni.

Din it-trovata ta' drogi giet fotografatikament dokumentata mill-espert PS 1147 Antoine Fenech, appozitament imqabbad.

Dawn ir-ritratti juru ghalhekk, kif anke gew konfermati mis-Supritendent Neil Harrison, id-droga misjuba, il-kontenituri, l-ghalqa, u l-vettura fejn ukoll instabet droga, u fejn allura gie mwaqqaf l-imputat (vide dokument u relazzjonijiet redatti u ezebiti a folio 140 – 183).

Minn naha tieghu PS 1374 Edgar Dalli, ipprezenta mpronti digitali li hu rnexxielu jeleva minn fuq diversi boroz tal-plastic lilu mghoddija mis-SOCO PS 171 Karl Glanville, elevati dawn mix-xena mftittxija u minghand l-imputat (folio 144). Minn naha tieghu Joseph Mallia, espert tal-impronti digitali, nominat allura biex iqabbel dawn l-impronti ma' dawk mehuda tal-imputat, ipprezenta aktar tard ir-relazzjoni tieghu, Dok JM folio 228. Fiha pero, ikkonkluda li ma kinx hareg b'ebda rizultat pozittiv, stante li l-impronti digitali zviluppati (ibid), kienu neqsin mill-karatteristici li setghu iwasslu ghal komparazzjoni u identifikazzjoni.

Id-droga misjuba fil-van, fl-ghalqa, u fir-residenza tal-imputat, giet debitament analizzata u valutata mill-Ispizjar Mario Mifsud.
Ikkonkluda kif gej:
"*Ghaldaqstant, mir-rizultati miksuba, l-esponent, l-Ispizjar Forensiku Mario Mifsud, jista' jikkonkludi li l-haxix ahdar niexef kollu li kien hemm fid-dokument 083/05/201/1 sa 08/05/201/3; 082/05/202/1 sa 083/05/202/5; u 085/05/203, f'ammont nett totali ta' 1,858.8grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Dan il-haxix ahdar kien gej mill-pjanti tal-cannabis. Il-purita' tal-haxix ahdar niexef ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' circa 5.5%. Il-purita' ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol hija ghola ghax il-haxix ahdar niexef kien dak li huwa maghruf bhala flowering tops tal-pjanta tal-cannabis. Din it-tip ta' herbal cannabis iggib aktar flus fis-suq minn herbal cannabis li tkun maghmula mill-weraq tal-pjanta tal-cannabis ghaliex il-purita' ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol tkun aktar gholja fil-flowering tops milli fil-weraq. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), li tigi mill-pjanta tal-cannabis, hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*" , folio 26 – 27, Dok MMN.
"*Ghaldaqstant, minn dawn ir-rizultati, l-esponent, l-Ispizjar Forensiku Mario Mifsud, jista' jikkonkludi li mill-piz ta' 1,858.8grammi ta' haxix ahdar niexef tal-pjanti tal-cannabis, maghrufa bhala marijuana, wiehed seta' jaghmel circa ta' bejn elf tminn mija u tmienja u hamsin(1,858) sa tliet elef seba' mija u sebgha u erbghin(3,747) u circa sitt elef mija u sitta u disghin(6,196).*", folio 533, Dok MML.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-assi tal-imputat, Dok VA, folio 291, b'mod partikolari l-konkluzjoni misjuba fl-istess a folio 344 et sequitur.

Rat ukoll illi giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali kontra Joseph Buttigieg, pero ma nghatax ebda akkuza ta' recidiva (anke ghax is-sentenza hija datata 22 ta' Gunju, 2009) L-istess sentenza fil-kaz in ezami giet

ezebita mill-istess Difiza, annessa ma’ rikors tal-istess imputat.

Qabel il-Qorti ma tghaddi biex tezamina l-provi mressqa mid-Difiza - fil-fatt xehed l-imputat minn jeddu, u anzi tezamina s-Social Inquiry Report mitlub mid-Difiza, il-Qorti ser tghaddi wkoll biex tikkonsidra l-istqarrija tal-imputat ezebita.

Certament u bla dubbju, l-istqarrija giet mehuda qabel ma ghaddew l-ammendi tas-sena 2010. Fil-fatt fis-sena 2005 (26 ta’ Jannar, 2005). Allura din giet mehuda minghajr id-dritt ta’ assistenza legali. Illi f’dak iz-zmien, l-imputat kellu gia’ wiehed u hamsin(51) sena. Issa l-Qorti, barra li kkonsidrat l-eta’ tal-imputat – zgur mhux wahda tenera, rat ukoll l-fedina penali tieghu kif kienet ezebita fl-atti bil-bidu ta’ dawn il-proceduri. Din tirrifletti reati ta’ natura kontravenzjonali, u reat iehor involventi l-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Pero l-Qorti, gia’ kellha opportunita’ tikkumenta li kienet l-istess Difiza li gabet a konjizzjoni taghha decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali datata 22 ta’ Gunju, 2009, illi tirrigwardja akkuzi taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema akkuzi kienu minnu ammessi u li kienu jirrigwardjaw reati kommessi fis-sena 1999.

Certament allura, dan kollu fil-fehma ta’ din il-Qorti – l-eta’ tieghu u l-esperjenza li diga’ kellu f’investigazzjonijiet precedenti fir-rigward ta’ droga, qajla jaghmluh daqstant vulnerabbli fil-konfront ta’ investigazzjoni anticedenti li saret fuqu minghajr l-assistenza legali. Il-Qorti, hawn timxi wkoll fuq l-insenjamenti ricenti zviluppati f’dan ir-rigward mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana.

Ghalhekk fl-istess stqarrija, l-imputat ikkonferma li kien gie mwaqqaf mill-pulizija u afferma li d-droga haxixa misjuba fil-kontenituri, kienet fil-fatt tieghu. Qal illi l-kontenitur li kellu fil-vettura – van EBA201, kien sejjer id-dar bih ghax ried izomm ftit haxixa hemmhekk. Qabel illi hu stess kien hareg, fil-presenza tal-pulizija, kontenitur iehor minn taht is-sigar. Ikkonferma li anke dan kien tieghu. Ikkonferma li fil-fatt kien ikabbar fl-ghalqa l-pjanta cannabis. Qal pero li l-ghalqa in kwistjoni ma kinitx tieghu, imma ta’ certu Tony

Muscat. Qal illi kien juza din biex fi hwejgu (ghelieqi ohra), hadd ma kien isib xejn. Ikkonferma wkoll illi mill-garaxx kien ta lill-pulizija borza tal-karti, ukoll bil-haxixa tal-cannabis. Qal illi fl-ghalqa kien zera' u telghulu xi erba' pjanti u li kien imur isaqqi l-istess. Zied illi hu qatt ma kien biegh id-droga, illi dawn kien jikkoltivahom biss ghall-uzu tieghu, nonostante li ghandu nstab piz ta' circa zewg kilos cannabis.

Qal illi hu qatt ma kellu vizzju ta' droga, pero li ghalkemm ma kinx addict, kien ipejjep madwar hmistax(15)-il sigarett maghmul mill-haxix tal-cannabis kuljum. Jghid illi hu qatt ma uza droga ohra hlief cannabis.

Ghazel illi jixhed viva voce. Qal illi hu la kellu vizzju ta' alcohol u lanqas ta' loghob. Kien ipejjep, jobrom sigaretti tat-tabakk – dan kemm kien ilu l-Habs. Qal illi qabel ma dahal il-Habs, kien ipejjep joints minflok sigaretti, madwar ghoxrin(20)/tletin(30) kuljum. Qal illi kien ilu jaghmel hekk tmienja u tletin(38) sena. Kien jikkoltiva hu stess il-haxixa li kien ipejjep. Qal illi kien ipejjep dawn il-joints qisu mhu xejn, u li kien jaghmel hekk mhux quddiem it-tifel, imma kien johrog fil-gardina. Qal illi kien igorr dawn il-joints fil-pakketti tas-sigaretti biex b'hekk hadd ma kien ikun jaf x'ikun qed ipejjep. Qal, fuq suggeriment illi hu kien qed jikkoltiva biex ibiegh l-istess "*Le mhux veru. Jiena dejjem ghalija, li ghamilt ghalija ghamiltu. Qatt ma kelli ntenzjoni biex inbiegh jew biex naghmel profitt minnha.*" (folio 757).

Qal illi l-flus biex jghix hu kien gabhom meta kien jghix il-Canada, rizultat tax-xoghol hemm, u li anke kien jaghmel xi xoghol ta' bidwi. Qal in kontro ezami li meta kien il-Canada ma kinx ikabbar, kien jixtri l-haxixa u li qatt ma kellu problemi bit-tipjip taghha; lanqas jekk kien ipejjep droga antika. Ikkonferma li fil-pussess tieghu nstabu zewg kilos haxixa u li dan l-ammont kollu kien ghall-uzu personali tieghu.

Qal ukoll illi kien jobrom il-haxixa bhala sigaretti normali, u li kien jaghmel dan bir-rizla tal-karti. Ma kien ikejjel qal. Kien jitfa' ftit haxixa biex jigu rqaq.

Rat ukoll is-Social Inquiry Report kif redatt minn Maryanne Zammit, b'mod paritkolari it-tielet parti tal-istess dwar il-hajja li kellu l-istess imputat (folio 729).

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju, mill-provi prodotti, il-Qorti ssib htija tal-ewwel akkuza, u cioe' li l-imputat ikkoltiva l-pjanta Cannabis. Dan jirrizulta ampjament kemm minnu ex admissis, kif ukoll fl-ammonti konsiderevoli tal-istess haxixa li nstabet ghandu.

Jibqa' biss biex jigi determinat, jekk tali cannabis kinx fil-pussess tieghu biss ghall-uzu personali tieghu – del resto kif sostna l-imputat kemm a tempo vergine fl-istqarrija tieghu, kif ukoll viva voce quddiem din il-Qorti. L-imputat ghalhekk baqa' dejjem konsistenti fill-verzjoni tieghu. Semghet il-Qorti lilu jghid dwar kemm kien ipejjep joints kuljum – varja bejn dak illi qal fl-istqarrija minn hmistax(15)-il sigarett maghmul mill-cannabis kuljum, ghal ghoxrin(20)/tletin(30) kuljum kif qal viva voce.

Issa, jekk skont ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud gia' citatata, l-ammont ta' "*reefers*" li setghu jinhargu kien bejn elf tminn mija u tmienja u hamsin(1,858) sa tliet elef seba' mija u sebgha u erbghin(3,747) u circa sitt elef mija u sitta u disghin(6,196) sticks - dan mill-ammont kollu ta' cannabis maqbud minghand l-imputat, allura jista' jigi argumentat illi massimu l-imputat, jekk niehdu average ta' ghoxrin(20) joint kuljum a bazi ta' dak illi qal, seta' hareg tlitt mitt(300) stick circa jew mija u sitta u tmenin(186) reefers circa. Jekk il-Qorti tikkonsidra wkoll kemm ikun fiha grossa sigaretti, mhux allura nversosimili li dawn kienu ghall-uzu personali tal-imputat fic-cirkostanzi kollha li dawn gew misjuba. Tqis din il-Qorti wkoll, illi ma gew misjuba ebda cellulari bil-messaggi relattivi jew fatturi ohra li jghinu t-tezi tal-Prosekuzzjoni li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, nonostante li l-ammont kien wiehed konsiderevoli. Il-Qorti hawn qed tiehu anke in konsiderazzjoni li mir-relazzjoni tal-assi tal-imputat, Dok VG, ma rrizulta xejn li seta' kien indikattiv ta' xi tip ta' bejgh ta' droga.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda, fuq il-provi prodotti u l-fatt illi dak li qal l-imputat sal-bazi tal-probabbli jista' jreggi, tilliberah mit-tieni(2) akkuza.

Ghaldaqstant qieghda ssib htija fuq l-ewwel(1) akkuza ta' koltivazzjoni ta' cannabis, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 22(1B) u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkunsidrat illi ghalkemm m'hemmx akkuza ta' recidiva, l-imputat jirrizulta li hu gia' kien gie misjub hati talli fis-sena 1999 kien importa Malta d-droga kokaina (imposta l-istess droga ghal Malta), kif ukoll talli mporta Malta l-pjanta Cannabis. Issa, allavolja din il-kawza giet deciza fis-sena 2009, allura wara l-akkuzi in dezamina, jidher illi l-imputat xorta baqa' fit-triq tad-droga, anzi baqa' persistenti li jaghmel il-hazin f'dan ir-rigward. Semghet pero t-trattazzjoni dwar il-piena tal-Avukat Difensur, li talab lill-Qorti klemenza considerando li l-imputat gia' huwa kkundannat ghall-hdax(11)-il sena effettiva piena karcerarja, eskluz il-hlas tal-multa; kif ukoll illi sahtu llum hija li hi.
Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tlitt(3) snin u nofs; u ghal multa pekunjarja ta' tlitt elef Ewro(€3,000).

Tikkundannah ukoll ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal erbat elef hames mija u sitta u hamsin Ewro u disgha u tletin centezmu(€4,556.39), u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll ir-relazzjoni Dok VG. Jirrizulta mill-istess illi l-vettura EBA201 truck tal-marka Mitsubishi, jghajjat lill-imputat, u tordna l-konfiska tieghu a favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita u konsegwentement tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti sabiex din issir dejjem taht l-awtorita' tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------